Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 117/2003

**Gregory Grech**

**vs**

**Dr. Anton Refalo li b'digriet tas-7 ta' Novembru 2003 gie mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Neville Carabott**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenut nomine ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm795) dovuti lill-attur bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti hlas ta' xoghol ta' injam li sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut stess.

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes tar-rikors ghall-

hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-imsiefer konvenut Neville Carabott kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra l-eccezzjoni tal-kuratur fis-sens li m'huwiex edott mill-fatti.

Sema' x-xhieda;

Ikkunsidra:

Illi t-talba attrici tinstab sodisfacentement ippruvata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM795 hlas ta' xoghol ezegwit mill-attur fuq inkariku tal-konvenut bl-ispejjez hlief ghad-dritt tal-kuratur li jithallas mill-attur.  Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------